MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 40/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**M.A.C.**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra M.A.C. talli bejn it-18 ta' Frar 2006 u t-12 ta' Marzu 2006 minkejja li kien marbut b'kuntratt pubbliku datat 30 ta' Awissu 2001 u ffirmat quddiem in-Nutar Silvio Hili sabiex jaghti access lil bintu minuri M.C. ta' 10 snin li kienet taht il-kustodja ta' martu R. G. irrinunzja [recte: irrifjuta] li jaghmel dan minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta' Jannar 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi M.A.C. hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenta ta' ghoxrin lira

(Lm20) (illum Ewro sitta w erbghin u tmienja w hamsin centezmu (E46.58));

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess M.A.C., minnu ppresentat fil-5 ta’ Frar 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-appellant ghandu zewg aggravji, dawn fil-verita` jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha. Huwa minnu, kif jissottometti l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu, li proprjament kienet il-mara li kellha il-kustodja tat-tifla in kwistjoni – kien hu li kellu l-access ghal uliedu, u ghalhekk proprjament ma kienx jispetta lilu li jaghti jew ma jaghtix access – izda hu daqstant evidenti wkoll li l-imputazzjoni, ghalkemm redatta f’termini xejn felici, tirreferi ghall-fatt li l-appellant ma kienx irritorna lill-imsemmija tifla lura ghand ommha. Issa, mill-kumpless tal-provi, kemm dawk mismugha mill-Qorti Inferjuri (fejn dawn gew registrati, bhal fil-kaz tad-deposizzjoni tat-tifla – ara fol. 33 *et seq.*) kif ukoll dawk mismugha fl-istadju ta’ appell, din il-Qorti hi sodisfatta li huwa minnu li kien hemm certu riluttanza da parti tat-tifla biex tmur lura ghand ommha, u dan minhabba l-atteggjament xejn ortodoss taghha fir-rigward ta’ l-istess minuri. Pero` huwa daqstant ukoll car li l-appellant ma ghamilx dak li kellu jaghmel biex bil-kelma t-tajba jikkonvinci u jippreswadi lill-istess minuri biex tirritorna ghand ommha. Ghalkemm ix-xewqat tal-minuri ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fejn si tratta kura, kustodja u access -- u hekk fil-fatt ghamlet kemm il-Qorti Inferjuri[1] kif ukoll din il-Qorti[2] -- id-decizjoni finali ma hix rimessa lilhom izda tibqa’ dejjem jew dik tal-Qorti jew dik tal-partijiet kif riflessa fil-kuntratta ta’ separazzjoni u fi kwalunkwe kaz

[1] Ara d-deposizzjoni tal-minuri moghtija fl-14 ta’ Novembru 2006, kif ukoll il-verbal tal-14 ta’ Novembru 2006.
[2] Ara l-verbal tat-2 ta’ April 2007 fl-atti ta’ l-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosina Grech** (App. nru 28/07) li nstema’ kontestwalment ma’ l-appell fil-proceduri kontra Michael Angelo Cordina.

sanzjonata mill-Qorti kompetenti. Genitur li ma jaghmilx dak kollu ragjonevolment mistenni minnu biex, bil-kelma t-tajba u bil-preswazjoni, jassigura li l-genitur l-iehor ikollu access ghall-minuri kif ordnat jew pattwit, jew li ma jaghmilx l-istess biex jassigura li l-minuri jirritorna lura fi tmien l-access ikun qieghed effettivament jikkontravjeni l-Artikolu 338(*ll*) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti hi sodisfatta li fil-kaz in dizamina l-appellant naqas – probabbilment minhabba l-pika li hu u martu jinsabu sprofondati fiha – milli jaghmel dak ragjonevolment mistenni minnu biex it-tifla, li wara kollox kellha biss dak iz-zmien ghaxar snin, tirritorna lura ghand ommha. Bhas-soltu, f'cirkostanzi simili, jispiccaw ibatu l-aktar it-tfal. Il-Qorti hi tal-fehma li ahjar tieqaf hawn u ma tghidx aktar, biex ma' taggravax is-sitwazzjoni bejn l-appellant u martu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------